TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 210/13/GB

**Mark F. Vella**

**vs**

**John Xuereb – Bodies 'N Motion Ltd.**

Illum 6 ta' Novembru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-23 ta' Settembru, 2013 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' erbgha mija tmienja u disghin Ewro (€498.00), rapprezentanti l-prezz li huwa hallas lis-socjeta' ntimata ghal 'weight loss program', liema programm ma kienx dak li r-rikorrent kien qed jistenna.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa overweight u ghal raġunijiet ta' sahha ghandu bżonn jitlef madwar sittin kilo. Illi ghalhekk huwa kien kiteb lill-intimat fuq Facebook, fejn l-intimat issuggerilu li jmur il-laqgha tieghu. Ir-rikorrent mar ghal din il-laqgha fil-5 ta' Gunju 2013 u l-ghada, huwa mar u hallas erbgha mija tmienja u disghin Ewro (€498.00) lill-intimat. Ir-rikorrent inghata tliet folders u ntizen. Wara tnax-il ġurnata r-rikorrent ma ġiex ikkuntattjat. Ghalhekk, huwa kiteb lill-intimat fuq Facebook li ma kienx jaf kif kien ser jitlef il-piz. L-ghada, is-socjeta' ntimata regghat baghtet ghar-rikorrent fejn taghtu tliet folders ohra u nformatu li jergghu jarawh wara erbgha ġimghat. Ir-rikorrent qalilha li huwa xtaq iktar attenzjoni u ghalhekk talab refund, pero' s-socjeta' ntimata irrifjutat.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrent kien mar ghandha ghal konsultazzjoni fil-5 ta' Gunju 2013, li kienet tikkonsisti minn informazzjoni edukazzjonali rigwardanti sahha, nutrizzjoni, eżerċizzju u l-importanza ta' 'healthy liferstyle'. Fl-ahhar ta'din il-laqgha, is-socjeta' ntimata tippreżenta l-programmi li qieghda toffri u tispjega fid-dettal dak li jinkludi kull programm, metodi ta' hlas u prezzijiet.

Fis-6 ta' Gunju 2013, ir-rikorrent beda l-programm tieghu mas-socjeta' ntimata, mar ghall-ewwel 'assessment' u hallas l-ammont ta'erbgha mija tmienja u disghin Ewro (€498.00). Fl-istess ġurnata, ir-rikorrent iffirma wkoll il-kuntratt.

Ir-rikorrent qed jallega illi huwa hallas dan l-ammont u li ntizen, pero' fil-verita' dan l-ewwel 'assessment' ikkonsista f'appuntament ta' siegha, fejn is-socjeta' ntimata:

- Tistaqsi lill-klijent dwar dak li jrid jilhaq, is-sahha tieghu u 'lifestyle background'.
- Tizen lill-klijent
- Taghmel 'body composition analysis'permezz ta' magna Furtex
- Tiehu qisien ohrajn
- Tipprovdi l-klijent bi tliet booklets li fihom hafna informazzjoni fuq kif jahdem il-programm, FAQ's, ecc – li s-socjeta' ntimata tikkonragixxi l-klijent jaqra qabel l-ewwel appuntament tieghu
- Tiffirma l-kuntratt flimkien mal-klijent u tispjega dak li jinkludi l-programm, kif ukoll tispjega illi hekk kif jinghad fil-kuntratt stess "This programm is not cash refundable"
- Tavza lill-klijent illi wara dan l-assessment, ser tinhadem programm 'tailor-made' ghalih f'temp ta' ghaxart ijiem ('working days'), meta terga' tiltaqa' mal-klijent sabiex huwa jiġbor il-programm tieghu u tali programm jiġi spjegat lilu fid-dettal waqt appuntament ta' siegha.

Ir-rikorrent qed jallega illi fl-assessment li kien imiss, hadd mis-socjeta' ntimata ma ghamel kuntatt mieghu ghal tnax-il ġurnata. Fid-19 ta' Gunju, ir-receptionist tas-socjeta' ntimata ċemplet lir-rikorrent sabiex tinformah illi l-programm tieghu kien lest u sabiex jiffissa appuntament ghall-'Book Review' tieghu. Dan l-appuntament sar fl-20 ta' Gunju, u cioe' f'temp ta' ghaxart ijiem, fejn ir-rikorrent inghata il-programm 'tailor-made' tieghu li kien jikkonsisti fi tliet folders: Nutrition plan, Exercise plan u Physical evaluation. Il-programm gie spjegat lir-rikorrent fid-dettal u r-rikorrent kien kuntent u herqan biex jibda. Fl-ahhar ta' dan l-appuntament, gie spjegat lir-rikorrent illi l-assessment li jmiss kien se jkun f'temp erbgha ġimghat ohra u li jekk kellu xi domandi huwa seta' jikkuntattja l-ufficcju ghall-appogg.

Wara dan l-appuntament, ir-rikorrent qed jallega illi huwa xtaq l-appogg però ma nghata l-ebda appoġġ u li hadd ma kkuntattjah. Wara l-'Book Review', is-socjeta' ntimata dejjem taghmel kuntatt mal-klijent sabiex taċċerta ruhha illi l-klijent fehem il-pjan u li qed isewgi l-programm u sabiex toffri l-ghajnuna kif ikun il-kaz. Is-socjeta' ntimata ppruvat iċċempel lir-rikorrent, fid-29 ta' Gunju, pero' r-rikorrent ma rrispondiex. Is-socjeta' ntimata regghat ipprovat iċċempel lir-rikorrent sabiex toffri l-appogg taghha fl-1 ta' Lulju, pero' huwa rega' ma rrispondiex. Fid-9 ta' Lulju, ir-rikorrent ċempel l-ufficcju sabiex jitlob rifużjoni tal-flus li

kien hallas, fejn qal illi kien hallas dan l-ammont ta' xejn u li issa kellu bżonn il-flus sabiex ihallas ghal membership ġewwa Cynergy Gym.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja tal-formola 'Registration & Contract' datata 6 ta' Gunju 2013 u ffirmata miz-zewg partijiet.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumenti li gew immarkati bhala Dok.MV1 sa Dok.MV6

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokumenti li gew immarkati bhala Dok.JX1 sa Dok.JX3

Xehdet Ritienne Zahra, prodotta mis-socjeta' ntimata, fejn bil-gurament hija stqarret illi r-rikorrent kien talabha rifużjoni tal-flus. Hija kkonfermat illi l-procedura kollha tas-socjeta' ntimata ġiet spjegata fid-dettal lir-rikorrent minghajr ebda nuqqasijiet.

Xehdet Jane Caruana, prodotta mis-socjeta' ntimata, fejn bil-gurament hija stqarret illi s-socjeta' ntimata hija komposta minn grupp ta' nies professjonali. Il-konsultazzjoni hija minghajr hlas, fejn jiġi spjegat lill-klijenti kif jistghu jghixu 'healthy lifestyle'. Hija kkonfermat illi s-socjeta' ntimata taghmel assessment professjonali fuq il-klijent, wara liema l-klijent jiffirma l-kuntratt. Ikkonfermat ukoll illi r-rikorrent kien iffirma l-kuntratt u li s-socjeta' ntimata tat dak kollu li kienet offriet.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, ihoss illi huwa l-obbligu tieghu u fid-dmirijiet tieghu li jikkummenta dwar il-fatt illi nonostante d-drittijiet ta' kull konsumatur, liema drittijiet ghandhom dejjem jigu osservati u rrispettati, ma jista' qatt jigi ttollerat l-abbuz ta' tali drittijiet da parti tal-konsumatur stess, b'dana illi l-konsumatur ikun irid jaqla' lira minn fuq dar haddiehor. Is-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha, u d-decizjoni illi r-rikorrent ha illi ma jkomplix isegwi l-programm li kien hallas ghalih, kienet deċiżjoni tieghu u tieghu biss, u deċiżjoni li ma setghat qatt tkun ibbażata fuq xi nuqqas da parte tas-socjeta' ntimata, liema socjeta' ntimata, mhux talli offriet servizz professjonali mmens, pero' wetqet dak kollu li kienet weghdet. It-Tribunal, ghal dawn ir-ragunijiet, qed isib

it-talba tar-rikorrent manifestament frivola u vessatorja u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrent, u qed jordna lir-rikorrent ihallas l-ammont ta' hamsin Ewro (€50.00) bhala penali lis-socjeta' ntimata, bl-ispejjez tal-kawza kontra r-rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**